Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 26 ta' Ġunju 2026**
**(OR. en)**

**10958/26**

**ECOFIN 881**
**UEM 301**
***ECB***
***EIB***

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Ġunju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 585 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>RAPPORT DWAR IL-KONVERĠENZA 2026<br>(imħejji skont l-Artikolu 140(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 585 final.

Mehmuż: COM(2026) 585 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.6.2026
COM(2026) 585 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

# RAPPORT DWAR IL-KONVERĠENZA 2026

**(imħejji skont l-Artikolu 140(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)**

{SWD(2026) 585 final}

MT

MT

## 1. L-GĦAN TAR-RAPPORT

L-euro huwa maħsub biex ikun il-munita unika tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. Bħalissa jintuża kuljum minn madwar 355 miljun persuna fil-21 Stat Membru taż-żona tal-euro. Il-benefiċċji prattiċi tal-euro jinkludu prezzijiet aktar stabbli, kostijiet tat-tranżazzjonijiet aktar baxxi għan-nies u għan-negozji, swieq aktar trasparenti u kompetittivi u aktar kummerċ fl-UE u mal-bqija tad-dinja. L-euro bħalissa huwa t-tieni munita l-aktar użata fid-dinja.

L-Artikolu 140(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jesiġi li l-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jirrapportaw lill-Kunsill mill-inqas darba kull sentejn, jew fuq talba ta' Stat Membru b'deroga[1], dwar il-progress li jkunu għamlu l-Istati Membri b'deroga fit-twettiq tal-obbligi tagħhom biex jiksbu unjoni ekonomika u monetarja. Ir-rapporti regolari dwar il-konverġenza l-aktar reċenti tal-Kummissjoni u tal-BĊE ġew adottati f'Ġunju tal-2024.

Fil-25 ta' Frar 2025, il-Bulgarija ppreżentat talba għal valutazzjoni tal-konverġenza *ad hoc*. Wara t-tħejjija ta' Rapport dwar il-Konverġenza dwar il-Bulgarija u abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda f'Lulju 2025 li l-Bulgarija ssodisfat il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro fl-1 ta' Jannar 2026[2].

Dan ir-Rapport dwar il-Konverġenza tal-2026 ikopri l-ħames Stati Membri b'deroga li ġejjin: iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Iżvezja[3]. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi valutazzjoni aktar dettaljata tal-istat ta' konverġenza f'dawn l-Istati Membri[4].

L-Artikolu 140(1) tat-TFUE jirrikjedi li r-rapporti jinkludu eżami tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, inkluż l-istatuti tal-banek ċentrali nazzjonali, mal-Artikoli 130 u 131 tat-TFUE u mal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew ("l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE"). Ir-rapporti jridu jeżaminaw ukoll jekk ikunx intlaħaq grad għoli ta' konverġenza sostenibbli fl-Istat Membru kkonċernat (i) billi ssir referenza għall-issodisfar tal-erba' kriterji ta' konverġenza (l-istabbiltà tal-prezzijiet, il-finanzi pubbliċi, l-istabbiltà tar-rati tal-kambju u r-rati tal-imgħax fit-tul); u (ii) billi jitqiesu fatturi oħra rilevanti għall-integrazzjoni ekonomika u l-konverġenza msemmija fl-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 140(1) TFUE. L-erba' kriterji ta' konverġenza huma żviluppati ulterjorment fi protokoll anness mat-Trattati (il-Protokoll Nru 13 dwar il-kriterji ta' konverġenza).

Il-valutazzjoni tal-konverġenza f'dan ir-rapport hija ppreżentata fl-isfond ta' diversi żviluppi ekonomiċi u ta' politika ewlenin matul l-2025 u l-ewwel nofs tal-2026. Fl-2025, il-volatilità fil-politika kummerċjali tal-Istati Uniti u ż-żieda fit-tariffi kummerċjali tal-Istati Uniti, għalkemm aktar baxxi milli kien imħabbar oriġinarjament, fixklu l-flussi kummerċjali globali u wasslu għal inċertezza politika akbar. Madankollu, minkejja dan l-ambjent estern diffiċli, l-ekonomija tal-UE wriet reżiljenza u kompliet tikber b'pass kostanti. Wara tkabbir ekonomiku moderat ta' 1,0 % fl-2024, l-ekonomija tal-UE kisbet momentum fl-2025, u b'konsegwenza ta' dan il-PDG kiber b'1,4 %. Dan it-tkabbir kien sostnut minn suq tax-xogħol b'saħħtu, li taffa l-pressjonijiet inflazzjonarji, u minn kundizzjonijiet finanzjarji favorevoli. Wara l-ogħla livell tagħha fl-2022-23, l-inflazzjoni annwali tal-prezzijiet għall-konsumatur naqset għal 2,6 % fl-2024 u għal 2,5 % fl-2025. Xprunata minn prezzijiet tal-enerġija aktar baxxi u inflazzjoni tas-servizzi li qed tonqos, din kompliet tonqos fl-UE kollha matul l-ewwel nofs tal-2025, qabel ma stabbilizzat għal madwar 2 % matul it-tieni nofs tas-sena u l-ewwel xahrejn tal-2026.

---

[1] L-Istati Membri li għadhom ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro jissejħu "Stati Membri b'deroga". Id-Danimarka nnegozjat nonparteċipazzjoni qabel l-adozzjoni tat-Trattat ta' Maastricht u ma tipparteċipax fit-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1407 tat-8 ta' Lulju 2025 dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Bulgarija fl-1 ta' Jannar 2026 (ĠU L 1407, 14.7.2025, p. 1-4).

[3] Bis-saħħa tal-Protokoll Nru 16 tat-Trattati dwar ċerti dispożizzjonijiet relatati mad-Danimarka, id-Danimarka għandha eċċezzjoni fir-rigward tal-munita unika u l-proċedura msemmija fl-Artikolu 140 tat-TFUE tista' tinbeda biss fuq talba tagħha. Id-Danimarka ma għamlitx dik it-talba u għalhekk mhijiex koperta mill-valutazzjoni.

[4] Id-data limitu sa meta nġabret id-data użata f'dan ir-rapport hija s-17 ta' Ġunju 2026. Il-valutazzjoni tal-konverġenza hija bbażata fuq firxa ta' indikaturi ta' konverġenza kkalkolati sa Mejju 2026.

Madankollu, kif faqqet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fit-28 ta' Frar 2026 l-istampa nbidlet materjalment, billi ħolqot l-aktar interruzzjoni sinifikanti fil-provvista tal-enerġija globali fl-istorja reċenti. Il-kunflitt fil-Lvant Nofsani kien segwit mill-għeluq virtwali tal-Istrett ta' Hormuz, li naqqas il-flussi taż-żejt u tal-LNG bil-baħar u wassal għal żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Bejn il-bidu tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani u d-29 ta' April - id-data limitu għas-suppożizzjonijiet tekniċi tat-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, li huwa l-bażi għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà f'dan ir-Rapport ta' Konverġenza - il-prezzijiet taż-żejt u tal-gass żdiedu b'65 % u 50 % rispettivament, u dan wassal għal aċċellerazzjoni qawwija tal-inflazzjoni tal-enerġija. Il-pressjonijiet fuq il-prezzijiet huma mistennija li jitwessgħu progressivament, billi ż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija tgħaddi mill-katina tal-produzzjoni u tiġi trasferita parzjalment fuq il-konsumaturi. Is-suppożizzjonijiet esterni tat-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jqisu l-perkors tal-prezzijiet futuri għall-komoditajiet tal-enerġija fiż-żmien tad-data limitu tat-tbassir. Dawn is-suppożizzjonijiet dwar il-komoditajiet tal-enerġija jissuġġerixxu normalizzazzjoni relattivament rapida, għalkemm parzjali, tal-kundizzjonijiet tal-provvista, bil-prezzijiet taż-żejt u tal-gass mistennija jistabbilizzaw għal madwar 20 % ogħla mil-livelli ta' qabel il-gwerra sal-2027.

B'mod parallel, il-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tar-Russja kontra l-Ukrajna timplika theddida sinifikanti għas-sigurtà Ewropea u tirrikjedi li jiżdied l-infiq fuq id-difiża għall-futur prevedibbli. Bħala parti minn dan, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' difiża f'Marzu 2025 taħt l-inizjattiva Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030. Skont dan il-pjan, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-Klawżola Liberatorja Nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li tipprovdilhom spazju baġitarju addizzjonali għat-tranżizzjoni lejn livell ferm ogħla ta' nefqa għad-difiża, fi ħdan ir-regoli fiskali tal-UE. L-ammont tad-devjazzjoni ppjanata mill-perkors tan-nefqa netta rrakkomandat skont il-klawżola liberatorja huwa limitat għal 1,5 % tal-PDG, disponibbli għal perjodu ta' 4 snin. Barra minn hekk, il-pakkett il-ġdid ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) jipprovdi self sa EUR 150 biljun biex jgħin lill-Istati Membri tal-UE jżidu malajr u b'mod sostanzjali l-investimenti fil-kapaċitajiet tad-difiża tal-Ewropa.

Implimentazzjoni aktar rapida tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), qabel l-għeluq tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) fi tmiem is-sena, flimkien mal-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027 huma mistennija li jikkumpensaw parzjalment għall-konsegwenzi negattivi tal-instabbiltà ġeopolitika kurrenti u jikkontribwixxu għall-proċess ta' konverġenza tal-Istati Membri tal-UE li mhumiex fiż-żona tal-euro. Minbarra li jikkontribwixxu għal tkabbir ogħla u finanzi pubbliċi mtejba, l-RRF u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni jsaħħu t-tkabbir u r-reżiljenza fit-tul tal-Istati Membri billi jappoġġaw riformi u investimenti kbar li jgħinu biex jiġu indirizzati sfidi li ilhom jeżistu kif ukoll ġodda, bħad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija. Sal-aħħar ta' Mejju 2026, l-iżborżi tal-RRF laħqu EUR 405,9 biljun, li huma madwar 70 % tal-ammont totali ta' appoġġ impenjat taħt l-RRF. Għall-perjodu 2021–2027, l-UE se tipprovdi finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ta' EUR 420 biljun lill-Istati Membri. Il-politika ta' koeżjoni hija kkonċentrata fuq oqsma li huma kritiċi għall-promozzjoni tal-konverġenza u l-kompetittività. Hija tappoġġa l-investiment fit-tul f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE, tinkoraġġixxi t-tkabbir tal-PDG tal-UE, u għandha impatt partikolarment għoli fuq l-Istati Membri u r-reġjuni li huma l-benefiċjarji ewlenin tal-politika. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, li ġie konkluż fil-ħarifa tal-2025, ipprovda lill-Istati Membri bi flessibbiltà u inċentivi akbar biex jużaw ir-riżorsi eżistenti aktar malajr u jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-programm u jallinjaw aħjar il-finanzjament mal-prijoritajiet ewlenin tal-UE.

Fit-22 ta' April 2026, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "AccelerateEU", li ppreżentat sett komprensiv ta' azzjonijiet u miżuri biex jindirizza ż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u jkompli jnaqqas id-dipendenza fuq swieq volatili tal-fjuwils fossili, filwaqt li jpoġġi lill-Ewropa fuq perkors kostanti lejn l-indipendenza enerġetika. Il-pjan għandu l-għan li jipprovdi għajnuna lill-konsumaturi li qed jiffaċċjaw żidiet qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u jaċċellera t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, sigura u affordabbli. Ħafna Stati Membri adottaw miżuri ta' politika baġitarja biex itaffu l-impatt soċjali u ekonomiku tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji. Skont it-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-

Kummissjoni, il-kost baġitarju totali ta' tali miżuri huwa ta' EUR 14,6 biljun, jew 0,07 % tal-PDG tal-UE fl-2026, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri.

Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat il-Pakkett tas-Semestru Ewropew tar-Rebbiegħa 2026. Il-pakkett jinkludi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-konformità tal-Istati Membri mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill dwar il-politika fiskali. Għall-għaxar Stati Membri li jinsabu fi proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE), inklużi l-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija, il-Kummissjoni vvalutat l-azzjoni meħuda b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-PDE. Għall-Istati Membri l-oħra (li bħalissa mhumiex fil-PDE), inklużi ċ-Ċekja u l-Iżvezja, il-Kummissjoni vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet fuq terminu medju u l-konformità mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill. Għall-Istati Membri li jibbenefikaw minn perjodu ta' aġġustament fiskali ta' 7 snin minflok ta' 4 snin fil-kuntest tal-pjanijiet fuq terminu medju tagħhom, inkluża r-Rumanija, il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-implimentazzjoni tal-passi ewlenin tal-impenji ta' riforma u investiment li jsostnu l-estensjoni. Il-Kummissjoni ħabbret ukoll li l-Istati Membri li jieħdu azzjoni biex isaħħu s-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa u jaċċelleraw it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili jistgħu jitolbu flessibbiltà fiskali limitata skont il-Klawżola Liberatorja Nazzjonali kurrenti għall-infiq fuq id-difiża. Fuq talba mill-Istat Membru, il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola jista' jiġi estiż biex jinkludi miżuri, meħuda minn Frar 2026 li jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili importati, soġġetti għal limitu massimu annwali ddedikat għall-perjodu 2026-2028 (0,3 % tal-PDG) u limitu massimu kumulattiv (0,6 % tal-PDG).

*Kriterji ta' konverġenza*

L-eżami tal-**kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali**, inklużi l-istatuti tal-bank ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri b'deroga, flimkien mal-Artikolu 130 tat-TFUE u mal-obbligu ta' konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE, jinkludi valutazzjoni tal-osservanza tal-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju (l-Artikolu 123 tat-TFUE) u l-projbizzjoni tal-aċċess privileġġjat għall-istituzzjonijiet finanzjarji (l-Artikolu 124 tat-TFUE); il-konsistenza mal-objettivi u l-kompiti tas-SEBĊ (l-Artikolu 127(1) tat-TFUE) (l-Artikolu 127(2) tat-TFUE); u aspetti oħra relatati mal-integrazzjoni tal-bank ċentrali nazzjonali fl-Eurosistema[5].

L-ewwel inċiż tal-Artikolu 140(1) tat-TFUE jiddefinixxi l-**kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet** bħala *"l-ksib ta' livell għoli ta' stabbiltà fil-prezzijiet; dan jirriżulta minn rata ta' inflazzjoni li l-iżjed tkun tixbaħ lil dik tat-tliet Stati Membri li jkunu qed imorru l-aħjar f'dik li hija l-istabbiltà fil-prezzijiet"*.

L-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jipprevedi wkoll li *"l-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet [...] ifisser li l-Istat Membru jkollu grad ta' stabbiltà tal-prezzijiet li jkun sostenibbli u rata medja ta' inflazzjoni, osservata fuq perjodu ta' sena qabel l-eżami, li ma teċċedix b'aktar minn 1,5 punti perċentwali, dik tal-aħjar tliet Stati Membri, f'dik li hi stabbiltà fil-prezzijiet. L-inflazzjoni għandha tiġi mkejla permezz ta' indiċi ta' prezzijiet tal-konsumatur fuq bażi komparabbli, meta jiġu kkunsidrati d-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali"*[6].

Ir-rekwiżit ta' sostenibbiltà jimplika li l-prestazzjoni sodisfaċenti tal-inflazzjoni trid tiġi attribwita għall-imġiba tal-kostijiet tal-input u fatturi oħra li jinfluwenzaw l-iżviluppi fil-prezzijiet b'mod strutturali, aktar milli l-influwenza ta' fatturi temporanji. Għalhekk, l-eżami tal-konverġenza jinkludi valutazzjoni tal-fatturi li jaffettwaw il-prospettiva tal-inflazzjoni u huwa kkomplementat minn referenza għall-aktar tbassir reċenti tal-Kummissjoni dwar l-inflazzjoni[7].

Il-valur referenzjarju tal-inflazzjoni ġie kkalkulat bħala 2,7 % f'Mejju 2026, b'Ċipru, Franza u d-Danimarka jkunu t-tliet "Stati Membri bl-aħjar prestazzjoni"[8].

---

5 L-eżami tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali huwa bbażat fuq il-leġiżlazzjoni fis-seħħ sal-aħħar ta' April 2026.

6 Għall-finijiet tal-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet, l-inflazzjoni titkejjel permezz tal-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) definiti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/792.

7 It-tbassir kollu tal-inflazzjoni u varjabbli oħra f'dan ir-rapport huma mit-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni. It-tbassir huwa bbażat fuq sett ta' suppożizzjonijiet komuni għal elementi esterni varjabbli u fuq is-suppożizzjoni ta' "ebda bidla fil-politika" filwaqt li jiġu meqjusa miżuri li huma magħrufin f'dettall suffiċjenti.

8 Ir-rati medji tal-inflazzjoni fuq 12-il xahar kienu 0,9 %, 1,2 % u 1,6 % rispettivament.

L-ebda Stat Membru ma ġie identifikat bħala anomalija f'termini tal-prestazzjoni tal-inflazzjoni għall-kalkolu tal-valur referenzjarju, peress li l-ebda waħda mir-rati tal-inflazzjoni tagħhom ma ddevjat b'marġni wiesa' mill-medja taż-żona tal-euro minħabba ċirkostanzi speċifiċi għall-pajjiż.

It-tieni inċiż tal-Artikolu 140(1) tat-TFUE jiddefinixxi l-**kriterju ta' konverġenza li jittratta l-finanzi pubbliċi** bħala *"s-sostenibbiltà tal-pożizzjoni finanzjarja tal-gvern; din tirriżulta minn sitwazzjoni baġitarja li tkun mingħajr defiċit eċċessiv fis-sens tal-Artikolu 126(6)"*.

Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jgħid li dan il-kriterju jfisser li *"fil-waqt tal-eżami l-Istat Membru ma jkunx suġġett meta jiġi eżaminat għal deċiżjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 126(6) tat-Trattati li jkun hemm defiċit eċċessiv."*.

It-TFUE jirreferi għall-**kriterju dwar ir-rata tal-kambju** fit-tielet inċiż tal-Artikolu 140(1) bħala *"osservanza tal-marġni ta' fluttwazzjoni normali li dwarhom hemm provdut bil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea, għal mill-inqas sentejn, mingħajr żvalutazzjoni fil-konfront ta' l-euro"*.

L-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jipprevedi li: *"Il-kriterju dwar il-parteċipazzjoni f'Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea [...] jfisser li Stat Membru jkun irrispetta il-marġni normali ta' fluttwazzjoni li hemm provdut dwarhom bil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarju Ewropea mingħajr tensjonijiet qawwija għal ta' l-anqas l-aħħar sentejn qabel l-eżami. Partikolarment, l-Istat Membru ma jridx ikun żvaluta r-rata bilaterali ċentrali tal-munita tiegħu kontra l-euro għall-istess perijodu"*[9].

Il-perjodu rilevanti ta' sentejn għall-valutazzjoni tal-istabbiltà tar-rata tal-kambju f'dan ir-rapport kien mit-18 ta' Ġunju 2024 sas-17 ta' Ġunju 2026. Fil-valutazzjoni tagħha tal-kriterju dwar l-istabbiltà tar-rata tal-kambju, il-Kummissjoni tqis l-iżviluppi f'indikaturi awżiljarji bħall-iżviluppi tar-riżervi barranin u r-rati tal-imgħax għal żmien qasir. Tikkunsidra wkoll ir-rwol tal-miżuri ta' politika (inklużi l-interventi tal-kambju barranin) u l-assistenza finanzjarja internazzjonali (kull fejn ikun rilevanti) fiż-żamma tal-istabbiltà tar-rata tal-kambju.

Ir-raba' inċiż tal-Artikolu 140(1) tat-TFUE jitlob li *"d-durabbiltà tal-konverġenza miksuba mill-Istat Membru b'deroga u l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Mekkaniżmu"* tkun *"kif jidher fil-**livelli tar-rati ta' mgħax f'perjodi fit-tul**."*.

L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jiddikjara ulterjorment li *"l-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati ta' mgħax [...] jfisser li, Stat Membru, osservat fuq perjodu ta' sena qabel l-eżami, kellu rata ta' mgħax nominali medja għal żmien twil li ma taqbiżx b'aktar minn żewġ punti perċentwali dik, fl-aħħar mill-aħħar, tat-tliet Stati Membri li jmorru l-aħjar fl-istabbiltà tal-prezzijiet. Ir-rati ta' mgħax jitqiesu abbażi ta' titoli tal-gvern għal żmien twil jew obbligazzjonijiet komparabbli, meta jiġu kkunsidrati d-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali"*.

F'Mejju 2026, il-valur referenzjarju tar-rata tal-imgħax ġie kkalkulat li huwa 5,1 %[10].

L-Artikolu 140(1) tat-TFUE jirrikjedi wkoll li r-rapporti jqisu **fatturi oħrajn** rilevanti għall-integrazzjoni u l-konverġenza ekonomika. Dawn jinkludu l-integrazzjoni tas-swieq, l-iżvilupp tal-bilanċi tal-pagamenti fil-kont kurrenti u tal-kostijiet ta' unità lavorattiva u indiċijiet oħrajn tal-prezzijiet. Il-fatturi addizzjonali li jridu jiġu kkunsidrati huma indikaturi importanti ta' jekk Stat Membru jintegrax fiż-żona tal-euro mingħajr diffikultajiet. Iwessgħu wkoll l-opinjoni dwar il-livell għoli meħtieġ ta' sostenibbiltà tal-konverġenza.

Il-valutazzjoni tal-grad ta' konverġenza sostenibbli għall-Istati Membri b'deroga ppreżentata f'dan ir-rapport hija bbażata fuq it-Tbassir Ekonomiku tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2026 u l-gwida politika pprovduta fil-pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew 2026[11]. Hija

[9] Meta tevalwa l-konformità mal-kriterju dwar ir-rata tal-kambju, il-Kummissjoni teżamina jekk ir-rata tal-kambju baqgħetx qrib ir-rata ċentrali tal-ERM II. Jistgħu jitqiesu r-raġunijiet għall-apprezzament, f'konformità mal-Istqarrija Komuni dwar il-Pajjiżi tal-Adeżjoni u l-ERM2 mill-Kunsill Informali ECOFIN li sar f'Ateni fil-5 ta' April 2003.

[10] Il-valur referenzjarju għal Mejju 2026 ġie kkalkulat bħala l-medja sempliċi tal-medja ta' 12-il xahar tar-rati tal-imgħax fit-tul ta' Ċipru (3,1 %), Franza (3,5 %) u d-Danimarka (2,6 %), biż-żieda ta' żewġ punti perċentwali.

[11] COM(2026) 200 final, 3.6.2026.

infurmata b'mod partikolari permezz ta': il-Komunikazzjoni Chapeau għall-pakkett tar-Rebbiegħa, inklużi l-konklużjonijiet dwar (i) is-sorveljanza fiskali mwettqa skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u (ii) il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. Il-valutazzjoni tirreferi wkoll għas-sejbiet fir-Rieżamijiet fil-Fond tal-2026 u fir-Rapporti tal-Pajjiżi tal-2026. Il-valutazzjoni tirrifletti wkoll il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà fiskali u tal-qafas fiskali nazzjonali, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-RRP. Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol u tal-prodotti, il-parteċipazzjoni fix-xogħol, id-disponibbiltà tal-ħiliet, il-formazzjoni tal-pagi, ir-reżiljenza soċjali u l-koeżjoni territorjali huma rilevanti wkoll, peress li jikkontribwixxu għat-tiswir tal-kapaċità ta' aġġustament, il-kompetittività u l-kapaċità ta' parteċipazzjoni bla xkiel fiż-żona tal-euro.

## 2. IĊ-ĊEKJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà legali u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li ċ-Ċekja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet biex tadotta l-euro.**

**Il-leġiżlazzjoni fiċ-Ċekja** – b'mod partikolari l-Att Nru 6/1993 tal-Kunsill Nazzjonali Ċek dwar iċ-Česká národní banka (il-Liġi ČNB) – **mhijiex kompatibbli għalkollox** mar-rekwiżiti tal-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibbiltajiet jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju, u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fl-Eurosistema fir-rigward tal-objettivi taċ-ČNB u l-objettivi u l-kompiti tas-SEBĊ/BĊE stabbiliti fl-Artikolu 127(1) u (2) tat-TFUE u l-Artikoli 2 u 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE. Barra minn hekk, il-Liġi taċ-ČNB fiha wkoll imperfezzjonijiet relatati mal-kompiti tas-SEBĊ/BĊE.

**Iċ-Ċekja tissodisfa l-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.** Ir-rata medja tal-inflazzjoni fiċ-Ċekja matul it-12-il xahar sa Mejju 2026 kienet 1,9 %, taħt il-valur referenzjarju ta' 2,7 %. Hija pprojettata li tiżdied sa tmiem l-2026 u li tonqos fit-tieni nofs tal-2027, iżda għandha tibqa' taħt il-valur referenzjarju fis-sentejn li huma.

*Graff 2a:* **Iċ-Ċekja - Kriterju tal-inflazzjoni**




*Nota*: It-tikek fit-tarf tal-lemin taċ-ċart juru l-valur referenzjarju projettat u r-rata medja tal-inflazzjoni fuq 12-il xahar taċ-Ċekja f'Diċembru 2026 u f'Diċembru 2027. Il-valuri referenzjarji għall-2020, l-2022, l-2024 u l-2025 jirreferu għall-valuri referenzjarji kkalkulati fir-rapporti dwar il-konverġenza preċedenti.

Sors: Eurostat, It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

Wara perjodu ta' inflazzjoni għolja fl-2021-2023, li beda bl-irkupru ta' wara l-COVID u ġie aggravat mix-xokk tal-prezzijiet tal-enerġija wara l-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja, l-inflazzjoni tal-HICP bdiet timmodera fl-2024 (2,7 %) u fl-2025 (2,3 %). It-tnaqqis fl-inflazzjoni globali kien xprunat minn tnaqqis fil-prezzijiet tal-ikel fl-2024 u fil-prezzijiet tal-enerġija fl-2025. L-inflazzjoni tas-servizzi, li tipikament hija relattivament persistenti u xprunata mill-pagi, naqset matul dak il-perjodu iżda baqgħet ferm ogħla mill-inflazzjoni globali. L-inflazzjoni annwali kompliet tonqos fl-ewwel xahrejn tal-2026, qabel ma żdiedet fix-xhur sussegwenti u laħqet 1,8 % f'Mejju 2026, xprunata mill-inflazzjoni tas-servizzi u żieda qawwija fl-inflazzjoni tal-enerġija minħabba l-kunflitt fil-Lvant Nofsani. Ir-rati annwali tal-

inflazzjoni tal-HICP fiċ-Ċekja fl-2024 u fl-2025 bħala medja kienu kemxejn ogħla minn dawk taż-żona tal-euro kollha kemm hi.

It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa tal-2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li r-rata ta' inflazzjoni tal-HICP medja annwali se tiżdied għal 2,7 % fl-2026 u għal 2,8 % fl-2027. Iż-żieda pprojettata hija attribwita għal żidiet qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija, ibbilanċjati parzjalment biss minn tkabbir aktar bil-mod fil-prezzijiet tas-servizzi u tal-ikel. Il-livell tal-prezzijiet għall-konsumatur fiċ-Ċekja kien madwar 88 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2024, li jissuġġerixxi li għad hemm potenzjal għal konverġenza ulterjuri fil-livell tal-prezzijiet fit-tul.

**Iċ-Ċekja tissodisfa l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.** Iċ-Ċekja mhijiex is-suġġett ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Id-defiċit tal-gvern estiż żdied minn 2,0 % tal-PDG fl-2024 għal 2,1 % fl-2025, li jirrifletti pagi pubbliċi ogħla u żieda fis-sussidji tal-gvern għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, minkejja tkabbir ogħla tal-PDG. It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż jilħaq 2,8 % tal-PDG fl-2026 minħabba, fost affarijiet oħra, l-eliminazzjoni gradwali sħiħa tat-taxxa fuq profitti straordinarji mhux mistennija fuq il-profitti tal-kumpaniji tal-enerġija u t-teħid mill-konsumaturi tal-elettriku tal-ħlas tal-imposta fuq l-enerġija rinnovabbli. Fl-2027, il-proporzjon tad-defiċit tal-gvern huwa mbassar li jkun 2,9 %.

Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju taċ-Ċekja. Il-pjan jistabbilixxi perkors ta' aġġustament fiskali fuq 4 snin, bi tkabbir massimu fin-nefqa netta ta' 4,5 % fl-2025, 2,5 % fl-2026, 2,6 % fl-2027 u 2,9 % fl-2028. F'Lulju 2025, il-Kunsill attiva l-klawżola liberatorja nazzjonali għal żidiet fl-infiq fid-difiża għaċ-Ċekja, li tippermetti liċ-Ċekja tiddevja mill-perkors tan-nefqa netta tal-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju u taqbeż dan il-perkors. Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-nefqa netta fiċ-Ċekja kibret b'4,9 % fl-2025 u b'6,0 % b'mod kumulattiv fl-2024 u l-2025. It-tkabbir tan-nefqa netta fl-2025 kien ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li jikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,2 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. Peress li ċ-Ċekja tibbenefika minn flessibbiltà skont il-klawżola liberatorja nazzjonali, il-valutazzjoni tal-konformità tiffoka fuq dan it-tqabbil tal-aħħar.

In-nefqa netta hija pprojettata li tikber b'6,4 % fl-2026, ogħla mit-tkabbir rakkomandat ta' 2,5 %. Id-devjazzjoni ogħla mill-massimu rakkomandat hija ekwivalenti għal devjazzjoni annwali ta' 1,5 % tal-PDG u devjazzjoni kumulattiva ta' 0,1 % tal-PDG meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien. Filwaqt li titqies il-flessibbiltà skont il-klawżola liberatorja nazzjonali, id-devjazzjoni projettata għall-2026 hija fi ħdan il-flessibbiltà tal-klawżola liberatorja nazzjonali bbażata fuq il-projezzjonijiet attwali għall-infiq fid-difiża.

Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG żdied minn 43,3 % fl-2024 għal 44,3 % fl-2025 u huwa mbassar li jiżdied għal 45,8 % fl-2026 u mbagħad għal 47,2 % fl-2027. Dan huwa xprunat minn bilanċ primarju negattiv, in-nefqa fuq l-imgħax u, sa ċertu punt, l-aġġustament bejn l-istokk u l-flussi li jżid id-dejn, iżda huwa parzjalment ikkumpensat mit-tkabbir nominali tal-PDG. Ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn jidhru medji fuq terminu medju, bid-dejn tal-gvern ipprojettat li jiżdied minn madwar 44 % tal-PDG fl-2025 għal madwar 56 % fl-2036. Il-qafas fiskali nazzjonali Ċek għandu prestazzjoni tajba, iżda qed jiffaċċja sfidi dejjem akbar minħabba, fost affarijiet oħra, żieda qawwija fid-dejn tal-gvern estiż mill-pandemija 'l hawn, konformità mar-regola tal-bilanċ strutturali li tirrikjedi miżuri ta' konsolidazzjoni addizzjonali qabel l-2028, u l-esklużjoni tal-infiq fid-difiża ta' aktar minn 2 % tal-PDG mill-qafas tan-nefqa nazzjonali.

*Graff 2b:* **Iċ-Ċekja - Bilanċ tal-baġit u dejn tal-gvern estiż**




(*) It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

Sors: Eurostat, It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

**Iċ-Ċekja ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.** Il-krona Ċeka ma tipparteċipax fil-Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju II. Sa minn tmiem is-snin 90, iċ-ČNB jopera qafas espliċitu mmirat lejn l-inflazzjoni flimkien ma' reġim ta' rata tal-kambju flessibbli li jippermetti interventi tas-suq tal-kambju mill-bank ċentrali. Bejn April 2024 u Jannar 2025, il-krona Ċeka kienet qed tinnegozja b'madwar 25,2 CZK għal kull euro. Sa tmiem l-2025, il-krona Ċeka kienet apprezzat għal madwar 24,3 u varjat madwar dak il-livell sa nofs l-2026. F'Mejju tal-2026, il-krona kienet madwar 2 % aktar b'saħħitha fil-konfront tal-euro sentejn qabel. Iċ-ċiklu ta' llaxkar tal-politika monetarja taċ-ČNB bejn Diċembru 2023 u Mejju 2025 wassal għal tnaqqis kbir u kostanti fil-PRIBOR Ċeka ta' 3 xhur u, għaldaqstant, fil-firxa fir-rigward taż-żona tal-euro, li naqset taħt 100 punt bażi fit-tieni nofs tal-2024. Minn Settembru 2024, il-firxa bdiet titwessa' kemxejn sa nofs l-2025. Minn hemm 'il quddiem, il-firxa stabbilizzat għal madwar 150 punt bażi, u laħqet 133 punt bażi f'Mejju 2026.

**Iċ-Ċekja tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza tar-rati tal-imgħax fit-tul.** Ir-rata medja tal-imgħax fit-tul fis-sena sa Mejju 2026 kienet 4,5 %, taħt il-valur referenzjarju ta' 5,1 %. Ir-rata tal-imgħax fit-tul taċ-Ċekja naqset fit-tieni nofs tal-2024, u laħqet 3,8 % f'Settembru dik is-sena. Imbagħad żdiedet gradwalment għal 4.7 % f'Diċembru 2025 f'konformità mal-pressjonijiet inflazzjonarji dejjem jiżdiedu. Ir-rata tal-imgħax fit-tul laħqet 4,9 % f'Mejju 2026, bil-firxa meta mqabbla mal-bond ta' referenza Ġermaniż kważi tilħaq 184 punt bażi.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inklużi l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti, l-integrazzjoni tas-swieq u l-ambjent istituzzjonali. Il-bilanċ estern taċ-Ċekja (jiġifieri l-kont kurrenti u kapitali kkombinat) irreġistra surplus li jammonta għal 2,2 % tal-PDG fl-2025. L-ekonomija Ċeka hija integrata ħafna fiż-żona tal-euro permezz ta' rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Indikaturi magħżula relatati mal-ambjent istituzzjonali juru li ċ-Ċekja tikklassifika ogħla mill-medja għall-Istati Membri taż-żona tal-euro f'dan ir-rigward. Is-settur finanzjarju fiċ-Ċekja huwa iżgħar u anqas żviluppat milli fiż-żona tal-euro. Il-finanzjament ibbażat fuq is-suq huwa anqas żviluppat, kif huwa rifless fis-swieq żgħar ħafna għall-ekwità u d-dejn tas-settur privat. Is-settur bankarju Ċek huwa integrat ħafna fis-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro, b'mod partikolari permezz ta' grad għoli ta' sjieda barranija tal-banek. Fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tagħha għall-2026 li ma kienx meħtieġ li jitwettaq Rieżami fil-Fond għaċ-Ċekja.

Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) taċ-Ċekja jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati serje ta' sfidi strutturali, f'sinerġija ma' fondi oħra tal-UE, inklużi fondi tal-politika ta' koeżjoni, biex tingħata spinta lill-kompetittività tagħha u jiġi stimulat it-tkabbir sostenibbli, u jitnaqqsu d-disparitajiet territorjali u soċjali tal-pajjiż. Il-finanzjament tal-RRF jipprovdi liċ-Ċekja bi EUR 8,4 biljun f'għotjiet u EUR 343 miljun f'self matul il-perjodu 2021–2026. Iċ-Ċekja ppreżentat sitt talbiet għal pagament, li ħamsa minnhom diġà ġew ivvalutati u dan irriżulta fi żborż totali ta' EUR 6,8 biljun sal-aħħar ta' Mejju 2026. Barra minn dan, hija ssodisfat bejn wieħed u ieħor 71 % tal-istadji importanti u l-miri tal-RRP tagħha. Ir-riformi ewlenin fl-RRP taċ-Ċekja jinkludu

dawk fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli, il-mobbiltà b'emissjonijiet żero, il-kura fit-tul, l-akkomodazzjoni affordabbli, u r-regoli dwar il-kunflitt ta' interess u l-lobbjar. Barra minn hekk, il-politika ta' koeżjoni tipprovdi liċ-Ċekja b'EUR 24,2 biljun għall-perjodu 2021–2027. Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għandu l-għan b'mod partikolari li jkompli jappoġġa l-kompetittività taċ-Ċekja, billi jgħin ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-kompetittività tal-SMEs, it-titjib fl-effiċjenza enerġetika, il-modernizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, l-iżvilupp tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-opportunitajiet indaqs.

## 3. L-UNGERIJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà legali u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Ungerija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet biex tadotta l-euro.**

**Il-leġiżlazzjoni fl-Ungerija** – b'mod partikolari l-Liġi dwar il-Magyar Nemzeti Bank (MNB) – **mhijiex kompatibbli għalkollox** mar-rekwiżiti tal-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibbiltajiet notevolment jikkonċernaw l-indipendenza tal-MNB, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fl-Eurosistema fir-rigward tal-kompiti tas-SEBĊ/BĊE stabbiliti fl-Artikolu 127(1) u (2) tat-TFUE u l-Artikoli 2 u 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE. Barra minn hekk, il-Liġi dwar l-MNB fiha imperfezzjonijiet relatati mal-indipendenza tal-MNB u l-integrazzjoni tiegħu fl-Eurosistema.

**L-Ungerija ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.** Ir-rata medja tal-inflazzjoni fl-Ungerija matul it-12-il xahar sa Mejju 2026 kienet 3,3 %, ogħla mill-valur referenzjarju ta' 2,7 %. L-inflazzjoni hija pprojettata li tonqos u taqa' taħt il-valur referenzjarju sa tmiem l-2026. Huwa mistenni li tiżdied aktar mill-valur referenzjarju fl-ewwel nofs tal-2027, iżda li taqa' lura taħtu sa tmiem l-2027.

*Graff 3a:* **L-Ungerija - Kriterju tal-inflazzjoni**




*Nota*: It-tikek fit-tarf tal-lemin taċ-ċart juru l-valur referenzjarju projettat u r-rata medja tal-inflazzjoni fuq 12-il xahar tal-Ungerija f'Diċembru 2026 u f'Diċembru 2027. Il-valuri referenzjarji għall-2020, l-2022, l-2024 u l-2025 jirreferu għall-valuri referenzjarji kkalkulati fir-rapporti dwar il-konverġenza preċedenti.

Sors: Eurostat, It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

L-inflazzjoni annwali tal-HICP fl-Ungerija naqset fl-2024 iżda reġgħet għoliet fl-2025, b'medja ta' 3,7 % u 4,4 % rispettivament. L-inflazzjoni annwali tal-HICP żdiedet minn 3,9 % f'Mejju 2024 għal 5,7 % f'Jannar u Frar 2025. Iż-żieda fl-inflazzjoni fl-2024 u fil-bidu tal-2025 kienet xprunata l-aktar minn inflazzjoni tas-servizzi għolja xprunata minn domanda qawwija tal-konsumatur, tkabbir għoli fil-pagi u żidiet fit-taxxi speċifiċi għas-settur, minkejja li l-prezzijiet amministrati kellhom effett ta' tnaqqis fl-2024. L-inflazzjoni globali sussegwentement naqset, u laħqet 3,3 % f'Diċembru 2025, prinċipalment minħabba inflazzjoni tal-enerġija aktar baxxa. Din kompliet tonqos fil-bidu tal-2026, u niżlet għal 1,6 % fi Frar, qabel ma żdiedet gradwalment fix-xhur sussegwenti. L-inflazzjoni tal-HICP kienet 2,3 % f'Mejju 2026, minħabba tnaqqis fl-inflazzjoni tal-ikel, ipprezzar mill-ġdid modest tas-servizzi u r-regolamentazzjoni tal-prezzijiet tal-fjuwil biex jiġi limitat l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt minħabba l-kunflitt

fil-Lvant Nofsani. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni tal-HICP fl-Ungerija fl-2024 u fl-2025 bħala medja kienu ogħla minn dawk taż-żona tal-euro kollha kemm hi.

It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa tal-2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-inflazzjoni annwali tal-HICP se tonqos għal 3,2 % fl-2026 u għal 3,1 % fl-2027, bl-apprezzament tal-munita fl-2026 li se jimmodera l-inflazzjoni. Il-livell tal-prezzijiet għall-konsumaturi fl-Ungerija kien madwar 70 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2024, li jissuġġerixxi li hemm potenzjal għal konverġenza ulterjuri fil-livell tal-prezzijiet fit-tul.

**L-Ungerija ma tissodisfax il-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.** L-Ungerija hija s-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Mill-2020 'l hawn, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Ungerija baqa' ogħla mill-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat. Id-defiċit tal-gvern estiż naqas minn 5,1 % tal-PGD fl-2024 għal 4,7 % tal-PGD fl-2025, iżda baqa' ogħla mill-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PGD. It-tnaqqis fl-2025 kien dovut għal żieda fid-dħul aktar mgħaġġla min-nefqa, prinċipalment minħabba tkabbir qawwi fid-dħul mill-VAT xprunat minn konsum robust, żidiet qawwija fil-pagi li wasslu għal żieda fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kif ukoll tnaqqis kbir fl-investiment pubbliku. It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż jiżdied għal 6,2 % tal-PDG fl-2026 minħabba, fost affarijiet oħra, tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu personali, tkabbir fil-pagi tas-settur pubbliku, u bonusijiet u eċċessi fin-nefqa. Fl-2027, il-proporzjon tad-defiċit tal-gvern estiż huwa mbassar li jonqos għal 5,8 %.

Fit-18 ta' Frar 2025, il-Kunsill approva l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Ungerija. Il-pjan jistabbilixxi perkors ta' aġġustament fiskali fuq 4 snin, bi tkabbir massimu fin-nefqa netta ta' 4,3 % fl-2025, 4,0 % fl-2026, 3,9 % fl-2027 u 3,7 % fl-2028. Il-Kunsill adotta wkoll rakkomandazzjoni bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv. Ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE) kienu f'konformità ma' dawk stabbiliti fil-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju. Dawn huma konsistenti ma' aġġustament strutturali annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment meħtieġ skont proċedura ta' defiċit eċċessiv. L-iskadenza tal-korrezzjoni tal-PDE hija l-2026, f'liema punt il-pjan jipprevedi defiċit ta' 2,5 % tal-PDG. F'Lulju 2025, il-Kunsill attiva l-klawżola liberatorja nazzjonali għal żidiet fl-infiq fid-difiża għall-Ungerija, li tippermetti lill-Ungerija tiddevja mill-perkors ta' korrezzjoni skont il-PDE u l-perkors tan-nefqa netta tal-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju, u taqbeż dan il-perkors.

In-nefqa netta hija pprojettata li tikber b'9,7 % fl-2026, ogħla mir-rata ta' tkabbir rakkomandata ta' 4,0 %. Id-devjazzjoni ogħla mill-massimu rakkomandat hija ekwivalenti għal devjazzjoni annwali ta' 2,3 % tal-PDG u devjazzjoni kumulattiva ta' 3,0 % tal-PDG. Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni kkonkludiet li, wara li kkunsidrat il-flessibbiltà pprovduta mill-klawżola liberatorja nazzjonali, l-Ungerija hija vvalutata bħala konformi mar-rata massima ta' tkabbir rakkomandata tan-nefqa netta fl-2025, filwaqt li hija pprojettata li tkun f'riskju ta' nuqqas ta' konformità materjali fl-2026. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni xorta tivvaluta lill-Ungerija bħala li ħadet azzjoni effettiva fl-2025. B'riżultat ta' dan, il-PDE tinżamm sospiża.

Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern żdied minn 73,5 % fl-2024 għal 74,6 % fl-2025. Huwa mbassar li jiżdied għal 75,1 % fl-2026 u għal 76,8 % fl-2027, xprunat minn defiċit primarju għoli u nefqa għolja fuq l-imgħax. Ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn għall-Ungerija jidhru għoljin fit-terminu medju, bid-dejn tal-gvern ipprojettat li jiżdied minn madwar 75 % fl-2025 għal madwar 103 % tal-PDG fl-2036. Filwaqt li l-qafas fiskali tal-pajjiż gradwalment sar aktar konformi mar-rekwiżiti legali tal-UE, ma rnexxilux irawwem trasparenza u pożizzjoni fiskali prudenti. L-istabbiliment ta' qafas baġitarju nazzjonali realistiku u stabbli fuq terminu medju jsaħħaħ il-kredibbiltà u l-effettività tal-politika fiskali tal-pajjiż. Barra minn hekk, ir-rwol u l-indipendenza tal-Kunsill Fiskali jistgħu jissaħħu.

*Graff 3b:* **L-Ungerija - Bilanċ tal-baġit u dejn tal-gvern estiż**

(bħala perċentwal tal-PDG)




(*) It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

Sors: Eurostat, It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

**L-Ungerija ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.** Il-forint Ungeriż ma jipparteċipax fil-Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju II. L-Ungerija topera reġim ta' rata tal-kambju varjabbli, li jippermetti interventi fis-suq tal-muniti barranin mill-bank ċentrali. Il-forint iddeprezza fil-konfront tal-euro fl-2024 iżda ssaħħaħ matul l-2025 sal-aħħar ta' Frar 2026. Dan irrifletta d-differenzi bejn il-politiki monetarji tal-MNB u tal-BĊE, id-differenzi fil-perkorsi tar-rata tal-inflazzjoni u l-inċertezza akbar matul il-perjodu. F'Marzu 2026, l-inċertezza minħabba l-kunflitt fil-Lvant Nofsani kkawżat deprezzament temporanju tal-forint. Madankollu, bl-inflazzjoni li qed tikkonverġi lejn il-medja taż-żona tal-euro u wara r-riżultati tal-elezzjonijiet nazzjonali ta' April, il-forint reġa' ssaħħaħ. F'Mejju tal-2026, il-forint kien madwar 8 % aktar b'saħħtu fil-konfront tal-euro milli kien sentejn qabel. Id-differenxjali fir-rata tal-imgħax fuq terminu qasir fir-rigward taż-żona tal-euro naqsu fl-2024 għal minimu ta' 299 punt bażi f'Awwissu, bl-MNB inaqqas ir-rata ta' politika tiegħu ħafna aktar malajr mill-BĊE. Il-firxa fuq terminu qasir imbagħad żdiedet fl-2025 bl-MNB iżomm ir-rata tiegħu l-istess u l-BĊE jkompli jillaxka l-politika tiegħu. Il-firxa fuq terminu qasir reġgħet naqset kemxejn fl-2026, u laħqet 390 punt bażi f'Mejju, bl-MNB inaqqas ir-rata ta' politika tiegħu fi Frar 2026 filwaqt li l-BĊE ħalla r-rati l-istess. Ir-rati tal-imgħax fuq terminu qasir naqsu wkoll wara l-elezzjonijiet f'April.

**L-Ungerija ma tissodisfax il-kriterju dwar il-konverġenza tar-rati tal-imgħax fit-tul.** Ir-rata medja tal-imgħax fit-tul fis-sena sa Mejju 2026 kienet 6,7 %, ferm ogħla mill-valur referenzjarju ta' 5,1 %. Ir-rata tal-imgħax fit-tul tal-Ungerija ilha relattivament stabbli mir-rapport preċedenti, b'bidliet żgħar biss fir-rata ta' politika u inflazzjoni pjuttost stabbli. It-tnaqqis fir-rata ta' politika fi Frar u t-tnaqqis qawwi fl-inflazzjoni fil-bidu tal-2026 wasslu biex ir-rata tal-imgħax fit-tul tal-Ungerija tonqos. Madankollu, riskji akbar minħabba l-gwerra fil-Lvant Nofsani żiduha temporanjament għal 7,1 % f'Marzu, l-ogħla livell mill-2023. Ir-riżultati tal-elezzjonijiet ta' April wasslu biex ir-rata tal-imgħax fit-tul terġa' lura għal perkors ta' tnaqqis, u laħqet 5,7 % f'Mejju 2026. Il-firxa tar-rata tal-imgħax fit-tul fir-rigward tal-Ġermanja kienet relattivament stabbli fl-2025, u mbagħad naqset fl-2026 wara t-tnaqqis fir-rata tal-imgħax fit-tul. Il-firxa fit-tul meta mqabbla mal-bond ta' referenza Ġermaniż kienet ta' 260 punt bażi f'Mejju 2026.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inklużi l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti, l-integrazzjoni tas-swieq u l-ambjent istituzzjonali. Il-bilanċ estern tal-Ungerija (jiġifieri, il-kont kurrenti u kapitali kkombinat) tjieb għal 2,2 % tal-PDG fl-2024 l-aktar minħabba titjib fil-bilanċ kummerċjali. Dan baqa' 2,2 % tal-PDG fl-2025 bid-defiċit kummerċjali dejjem jikber tiegħu fil-merkanzija u s-surplus kummerċjali fis-servizzi li jikkanċellaw lil xulxin. L-ekonomija Ungeriża hija integrata ħafna maż-żona tal-euro permezz tar-rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Indikaturi magħżula relatati mal-ambjent istituzzjonali juru li l-Ungerija għandha prestazzjoni agħar minn dik ta' ħafna Stati Membri taż-żona tal-euro f'dan ir-rigward. L-Ungerija qed tiffaċċja sfidi f'oqsma bħall-kwalità regolatorja u l-kontroll tal-korruzzjoni. Hija għandha wkoll prestazzjoni agħar mill-medja taż-żona tal-euro f'termini tal-effettività tal-gvern u l-istat tad-dritt. Is-sistema finanzjarja tal-Ungerija hija kkaratterizzata minn preżenza kbira ta' parteċipazzjonijiet barranin li ma jwettqu l-ebda intermedjazzjoni finanzjarja fl-

ekonomija domestika. Bl-esklużjoni tagħhom, is-sistema finanzjarja tal-Ungerija hija anqas żviluppata mill-medja taż-żona tal-euro. Is-settur bankarju tal-Ungerija għandu piż kbir u relattivament stabbli fis-settur finanzjarju u huwa integrat tajjeb fis-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro minħabba sehem relattivament kbir ta' sjieda barranija. Is-swieq tal-ekwità u tad-dejn huma żgħar u relattivament anqas żviluppati. Fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-Rapport tagħha dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija għall-2026 li kien hemm bżonn ta' Rieżami fil-Fond (IDR) għall-Ungerija. L-IDR ikkonkluda li l-Ungerija qed tesperjenza vulnerabbiltajiet relatati mad-dejn għoli tal-gvern u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-gvern, il-kompetittività tal-kostijiet u l-prezzijiet tad-djar tagħha. Filwaqt li tqis din il-valutazzjoni fl-IDR, il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew 2026, tqis li l-Ungerija qed tkompli tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi.

Il-pjan ta' rkupru u reżiljenza (RRP) tal-Ungerija jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati sensiela ta' sfidi strutturali, f'sinerġija ma' fondi oħra tal-UE, inklużi fondi tal-politika ta' koeżjoni, biex tingħata spinta lill-kompetittività tagħha u jiġi stimulat it-tkabbir sostenibbli u jitnaqqsu d-disparitajiet territorjali u soċjali tal-pajjiż. Il-finanzjament tal-RRF jipprovdi lill-Ungerija b'EUR 10 biljun matul il-perjodu 2021–2026. Ir-riformi ewlenin fl-RRP tal-Ungerija jinkludu dawk fl-oqsma tal-Istat tad-Dritt (eż. is-sistema ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-akkwist pubbliku), it-trasport sostenibbli, l-enerġija, il-ġestjoni tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari, it-tassazzjoni u l-qafas fiskali. Barra minn hekk, il-politika ta' koeżjoni tipprovdi lill-Ungerija bi EUR 23,7 biljun għall-perjodu 2021–2027. Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għandu l-għan li jappoġġa aktar il-kompetittività tal-Ungerija, inkluż permezz tal-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji avvanzati, it-tranżizzjoni ekoloġika, u l-konverġenza soċjali 'l fuq, billi jiġi indirizzat, fost l-oħrajn, il-faqar u jiġu żviluppati s-sistemi edukattivi u l-ħiliet. Filwaqt li l-Ungerija għamlet progress fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, għad hemm sfidi u għad hemm disparitajiet soċjali u reġjonali sinifikanti.

## 4. IL-POLONJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà legali u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Polonja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet biex tadotta l-euro.**

Il-**leġiżlazzjoni fil-Polonja** - b'mod partikolari l-Att dwar in-Narodowy Bank Polski (l-Att NBP) u l-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja - **mhijiex kompatibbli għalkollox** mar-rekwiżiti tal-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibbiltajiet jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fl-Eurosistema. Barra minn hekk, l-Att NBP fih ukoll xi imperfezzjonijiet relatati mal-indipendenza tal-bank ċentrali tal-NBP u mal-integrazzjoni tiegħu fl-Eurosistema fir-rigward tal-kompiti tas-SEBĊ/BĊE stabbiliti fl-Artikolu 127(2) tat-TFUE u fl-Artikolu 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE.

**Il-Polonja ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.** Ir-rata medja tal-inflazzjoni fil-Polonja matul it-12-il xahar sa Mejju 2026 kienet 2,9 %, kemxejn ogħla mill-valur referenzjarju ta' 2,7 %. Hija prevista li se tibqa' ogħla mill-valur referenzjarju sal-aħħar tal-2026. Madankollu, hija mistennija li tonqos għall-biċċa l-kbira tal-2027 u li tinżel taħt il-valur referenzjarju sa tmiem l-2027.

*Graff 4a:* **Il-Polonja - Kriterju tal-inflazzjoni**

(perċentwali, medja mobbli fuq 12-il xahar)




*Nota*: It-tikek fit-tarf tal-lemin taċ-ċart juru l-valur referenzjarju projettat u r-rata medja tal-inflazzjoni fuq 12-il xahar tal-Polonja f'Diċembru 2026 u f'Diċembru 2027. Il-valuri referenzjarji għall-2020, l-2022, l-2024 u l-2025 jirreferu għall-valuri referenzjarji kkalkulati fir-rapporti dwar il-konverġenza preċedenti.

Sors: Eurostat, It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

L-inflazzjoni globali naqset sostanzjalment minn 10,8 % fl-2023 għal medja ta' 3,7 % fl-2024 u 3,3 % fl-2025. Il-biċċa l-kbira tal-komponenti tal-inflazzjoni, ħlief għas-servizzi u l-ikel ipproċessat, ikkontribwew għal dan it-tnaqqis. Il-prezzijiet tal-ikel ġew affettwati mit-tneħħija gradwali tar-rata temporanja żero tal-VAT fuq il-prodotti bażiċi tal-ikel fl-aħħar ta' Marzu 2024. Fl-2025, intemm ukoll l-iffriżar tal-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi. Wara li mmoderat għal 2,5 % f'Jannar u Frar 2026, l-inflazzjoni tal-HICP żdiedet fit-3 xhur sussegwenti, u laħqet 3,3 % f'Mejju 2026, xprunata miż-żieda fil-prezzijiet globali tal-prodotti bażiċi bħala riżultat tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani iżda mmitigata minn tnaqqis temporanju fit-taxxi fuq il-fjuwil u limitu massimu tal-prezz ta' kuljum introdott fl-aħħar ta' Marzu 2026. Fl-2024 u fl-2025, l-inflazzjoni annwali tal-HICP fil-Polonja bħala medja kienet ogħla minn dik fiż-żona tal-euro kollha kemm hi.

Meta wieħed iħares 'il quddiem, l-inflazzjoni hija mistennija li tiżdied fl-2026 iżda mbagħad tonqos fl-2027, filwaqt li tibqa' ogħla mill-medja taż-żona tal-euro fis-sentejn li huma. It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa tal-2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-inflazzjoni annwali tal-HICP se tkun fil-medja 3,6 % fl-2026 u 2,9 % fl-2027. Il-prospettiva tal-inflazzjoni għadha inċerta minħabba r-riskji relatati mal-prezzijiet globali tal-prodotti bażiċi u s-sitwazzjoni ġeopolitika. Il-livell tal-prezzijiet għall-konsumaturi fil-Polonja kien madwar 69 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2024, li jissuġġerixxi li hemm potenzjal għal konverġenza ulterjuri fil-livell tal-prezzijiet fit-tul.

**Il-Polonja ma tissodisfax il-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.** Il-Polonja hija s-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Mill-2022 'l hawn, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Polonja baqa' ogħla mill-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, u żdied minn 3,4 % tal-PDG fl-2022 għal 6,4 % tal-PDG fl-2024 u 7,3 % tal-PDG fl-2025. Dan huwa dovut għal infiq pubbliku ogħla xprunat minn investimenti sostanzjali fid-difiża, żieda fil-benefiċċji soċjali (inkluż l-indiċjar tal-pensjonijiet kif ukoll il-programmi l-ġodda tal-Ġenituri Attivi u tal-Pensjoni tar-Romol), żieda fil-kostijiet tas-servizz tad-dejn pubbliku, żieda fis-salarji fis-settur pubbliku u nfiq ogħla fuq il-kura tas-saħħa. It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż jonqos għal 6,5 % tal-PDG fl-2026, minħabba trażżin fin-nefqa ffinanzjata nazzjonalment u l-miżuri tad-dħul diskrezzjonali adottati. Fl-2027, il-proporzjon tad-defiċit tal-gvern estiż huwa mbassar għal 6,3 %.

Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Polonja. Il-pjan jistabbilixxi perkors ta' aġġustament fiskali fuq 4 snin, bi tkabbir massimu fin-nefqa netta ta' 6,3 % fl-2025, 4,4 % fl-2026, 4,0 % fl-2027 u 3,5 % fl-2028. Il-Kunsill adotta wkoll rakkomandazzjoni bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv. Ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati skont il-PDE kienu f'konformità ma' dawk stabbiliti fil-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju. Dawn huma konsistenti ma' aġġustament strutturali annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala punt

ta' riferiment meħtieġ skont l-PDE. L-iskadenza tal-korrezzjoni tal-PDE hija l-2028, f'liema punt il-pjan jipprevedi deficit ta' 2,9 % tal-PDG. F'Lulju 2025, il-Kunsill attiva l-klawżola liberatorja nazzjonali għal żidiet fl-infiq fid-difiża għall-Polonja, li tippermetti lill-Polonja tiddevja mill-perkors ta' korrezzjoni skont il-PDE u l-perkors tan-nefqa netta tal-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju, u taqbeż dan il-perkors. Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni kkonkludiet li abbażi tal-valutazzjoni ta' azzjoni effettiva, il-proċedura ta' deficit eċċessiv għall-Polonja qed tinżamm sospiża.

In-nefqa netta hija pprojettata li tikber b'4,0 % fl-2026, taħt ir-rata ta' tkabbir rakkomandata ta' 4,4 %. Id-devjazzjoni kumulattiva mill-massimu rakkomandat hija ekwivalenti għal 1,0 % tal-PDG. Madankollu, id-devjazzjoni pprojettata hija fi ħdan il-flessibbiltà tal-klawżola liberatorja nazzjonali bbażata fuq il-projezzjonijiet attwali għall-infiq fid-difiża.

Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG żdied minn 54,8 % fl-2024 għal 59,7 % fl-2025, u huwa pprojettat li jiżdied għal 64,5 % fl-2026 u għal 68,3 % fl-2027. Dan huwa xprunat minn deficit primarju għoli, nefqa għolja fuq l-imgħax u aġġustamenti 'l fuq bejn l-istokk u l-flussi. Ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn tal-Polonja jidhru għoljin fit-terminu medju, bid-dejn tal-gvern ipprojettat li jiżdied b'mod kostanti minn madwar 60 % fl-2025 għal madwar 107 % tal-PDG fl-2036. Il-qafas fiskali fil-Polonja kien soġġett għal żewġ riformi sinifikanti fl-2024, li saħħew id-dixxiplina fiskali u s-sostenibbiltà fiskali Pollakki billi introduċew mekkaniżmu ta' korrezzjoni *ex ante* fir-regola tan-nefqa nazzjonali biex tiġi żgurata l-konsistenza mar-rekwiżiti fiskali tal-UE u mandat komprensiv ta' monitoraġġ tal-politika fiskali għall-Kunsill Fiskali.

*Graff 4b:* **Il-Polonja - Bilanċ tal-baġit u dejn tal-gvern estiż**
(bħala perċentwal tal-PDG)




(*) It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

Sors: Eurostat, It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

**Il-Polonja ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju**. Iż-zloty Pollakk ma jipparteċipax fil-Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju II. Il-Polonja ilha minn April 2000 topera reġim ta' rata tal-kambju flessibbli li jippermetti interventi fis-suq tal-kambju mill-bank ċentrali, jekk iqis li dan ikun meħtieġ, sabiex tintlaħaq il-mira tal-inflazzjoni. Matul l-2024, iż-zloty baqa' relattivament stabbli, b'medja ta' madwar 4,31 PLN/EUR. Bejn Jannar u Marzu 2025, issaħħaħ kemxejn, minn 4,25 għal madwar 4,18. Dan kien segwit minn deprezzament rapidu u mbagħad perjodu ta' fluttwazzjonijiet relattivament żgħar fil-livell ta' madwar 4,24. Bejn Mejju 2025 u l-aħħar tas-sena, ir-rata tal-kambju baqgħet qrib 4,25 PLN/EUR. F'Mejju 2026, ir-rata tal-kambju taż-zloty fil-konfront tal-euro kellha medja ta' 4,25. Kien madwar 1 % aktar b'saħħtu fil-konfront tal-euro milli kien sentejn qabel.

Id-differenxjal tar-rata tal-imgħax fuq terminu qasir maż-żona tal-euro żdied kontinwament matul l-2024 u fl-ewwel 3 xhur tal-2025, u laħaq 341 punt bażi f'Marzu 2025. Matul dan il-perjodu, f'konformità mal-illaxkar tar-rata ta' politika tal-BĊE, ir-rata taż-żona tal-euro fuq terminu qasir kompliet tonqos, filwaqt li r-rata Pollakka ta' 3 xhur baqgħet stabbli. Minn Mejju 2025 'il quddiem, l-NBP beda ċiklu ta' llaxkar li wassal għal tnaqqis sostanzjali tad-differenxjal tar-rata tal-imgħax għal 200 punt bażi f'Diċembru. Din ix-xejra kompliet fl-2026, bid-differenxjal tar-rata tal-imgħax tilħaq 162 punt bażi f'Mejju.

**Il-Polonja ma tissodisfax il-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati tal-imgħax fit-tul**. Ir-rata medja tal-imgħax fit-tul fit-12-il xahar sa Mejju 2026 kienet 5,4 %, kemxejn ogħla mill-valur

referenzjarju ta' 5,1 %. Ir-rata tal-imgħax fit-tul tal-Polonja inizjalment telgħet kemxejn fl-2024, u laħqet il-quċċata ta' 5,7 % f'Ġunju 2024, f'kuntest ta' politika monetarja restrittiva u deficit fiskali għoli. Matul dak il-perjodu, il-firxa tar-rata tal-imgħax fit-tul meta mqabbla mal-bond ta' referenza Ġermaniż baqgħet relattivament stabbli, qabel ma żdiedet minn 319-il punt bażi f'Lulju 2024 għal quċċata ta' 355 punt bażi f'Diċembru 2024. Minn Jannar 2025, ir-rata tal-imgħax fit-tul bdiet tonqos gradwalment, għalkemm b'xi fluttwazzjonijiet hekk kif il-politika monetarja llaxkat, biex laħqet 5,7 % f'Mejju 2026. B'riżultat ta' dan, il-firxa tar-rata tal-imgħax fit-tul meta mqabbla mal-bond ta' referenza Ġermaniż naqset b'mod kostanti għal madwar 269 punt bażi matul Mejju 2026.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inklużi l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti, l-integrazzjoni tas-swieq u l-ambjent istituzzjonali. Il-bilanċ estern tal-Polonja (jiġifieri l-kont kurrenti u kapitali kkombinat) iddeterjora kemm fl-2024 kif ukoll fl-2025, fil-biċċa l-kbira xprunat minn tnaqqis fil-kont kurrenti, hekk kif il-prezzijiet tal-esportazzjoni naqsu aktar malajr mill-prezzijiet tal-importazzjoni. Il-bilanċ estern mexa minn surplus fl-2024 (0,6 % tal-PDG) għal pożizzjoni newtrali fl-2025. L-ekonomija tal-Polonja hija integrata tajjeb fiż-żona tal-euro permezz tar-rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Abbażi ta' indikaturi magħżula relatati mal-ambjent istituzzjonali il-Polonja tikklassifika taħt il-medja għall-Istati Membri taż-żona tal-euro f'dan ir-rigward. Is-settur finanzjarju fil-Polonja huwa iżgħar u anqas żviluppat milli fiż-żona tal-euro. Huwa ddominat mill-banek, li huma integrati tajjeb fis-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro permezz ta' livell għoli ta' sjieda barranija. Il-finanzjament ibbażat fuq is-suq huwa anqas żviluppat milli fiż-żona tal-euro, kif huwa rifless fis-swieq żgħar ħafna għall-ekwità u d-dejn tas-settur privat. Fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-Rapport tagħha dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija għall-2026 li ma kien hemm bżonn ta' ebda Rieżami fil-Fond għall-Polonja.

Il-pjan ta' rkupru u reżiljenza (RRP) tal-Polonja jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati sensiela ta' sfidi strutturali, f'sinerġija ma' fondi oħra tal-UE, inklużi fondi tal-politika ta' koeżjoni, biex tingħata spinta lill-kompetittività tagħha u jiġi stimulat it-tkabbir sostenibbli u jitnaqqsu d-disparitajiet territorjali u soċjali tal-pajjiż. Il-finanzjament tal-RRF jipprovdi lill-Polonja b'EUR 54,7 biljun f'għotjiet u self tul il-perjodu 2021–2026. L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Polonja għadha għaddejja, bi żborż totali ta' EUR 34,15 biljun (jew 62,4 % tal-ammont totali) fl-aħħar ta' Ġunju 2026. Ir-riformi ewlenin fl-RRP tal-Polonja jinkludu dawk fl-oqsma tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija Pollakka, l-iffaċilitar tal-iżvilupp tal-infrastruttura tan-network biex jiġi żgurat aċċess universali għall-internet, ir-riforma tas-settur tas-saħħa u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, il-politika ta' koeżjoni tipprovdi lill-Polonja bi EUR 80,6 biljun għall-perjodu 2021–2027. Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għandu l-għan b'mod partikolari li jkompli jappoġġa l-kompetittività, is-sostenibbiltà ambjentali kif ukoll il-ħiliet u l-ġustizzja soċjali tal-Polonja. Filwaqt li l-Polonja għamlet progress fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, għad fadal l-isfidi, b'disparitajiet reġjonali bejn ir-reġjuni tal-Lvant u l-bqija tal-pajjiż ikomplu jitwessgħu.

## 5. IR-RUMANIJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà legali u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li tqiesu l-fatturi rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li r-Rumanija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet biex tadotta l-euro.**

**Il-leġiżlazzjoni fir-Rumanija** - b'mod partikolari l-Liġi Nru 312 dwar l-Istatut tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija tat-28 ta' Ġunju 2004 (il-Liġi BNR) – **mhijiex kompatibbli għalkollox** mar-rekwiżiti tal-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibbiltajiet jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fl-Eurosistema. Barra minn hekk, il-Liġi BNR fiha wkoll imperfezzjonijiet relatati mal-indipendenza tal-NBP u mal-integrazzjoni tiegħu fl-Eurosistema fir-rigward tal-kompiti tas-SEBĊ/BĊE stabbiliti fl-Artikolu 127(2) tat-TFUE u fl-Artikolu 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE.

**Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet**. Ir-rata medja tal-inflazzjoni fir-Rumanija matul it-12-il xahar sa Mejju 2026 kienet ta' 8,4 %, ferm ogħla mill-valur referenzjarju ta' 2,7 %. Hija pprojettata li tonqos fit-tieni nofs tal-2026, iżda tibqa' ferm

ogħla mill-valur referenzjarju sa tmiem l-2026. Hija projettata li se tibqa' tonqos fl-2027, iżda tibqa' ogħla mill-valur referenzjarju sa tmiem l-2027.

L-inflazzjoni tal-HICP annwali tar-Rumanija żdiedet għal 6,8 % fl-2025, minn 5,8 % fl-2024. Id-diżinflazzjoni, li segwiet ix-xokk fil-prezzijiet tal-enerġija fl-2022, waqfet u sussegwentement treġġgħet lura f'nofs l-2025. Ir-rata globali tal-inflazzjoni tal-HICP sena wara sena naqset minn 7,3 % f'Jannar 2024 għal 4,9 % f'April 2025, qabel ma żdiedet b'mod kostanti u sinifikanti għal 8,6 % f'Settembru u baqgħet f'dak il-livell f'Diċembru 2025. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija kienu l-kontributuri ewlenin għaż-żieda fl-inflazzjoni globali. Iż-żieda fl-inflazzjoni fit-tieni nofs tal-2025 kienet fil-biċċa l-kbira l-effett tat-tneħħija tal-limitu massimu tal-prezz tal-elettriku tal-unitajiet domestiċi f'Lulju 2025, flimkien ma' żidiet fir-rata tal-VAT u fid-dazji tas-sisa. Il-prezzijiet tal-ikel mhux ipproċessat żdiedu bħala riżultat tal-impatt ta' kundizzjonijiet ħżiena tat-temp fuq l-agrikoltura, filwaqt li l-inflazzjoni tas-servizzi baqgħet għolja b'mod persistenti, minħabba tkabbir qawwi fil-pagi, iżda li mmodera fl-2025 wara l-iffriżar tal-pagi tas-settur pubbliku. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija wara l-kunflitt fil-Lvant Nofsani kkawżat żieda fl-inflazzjoni globali għal 9,7 % f'Mejju 2026 minn 8,3 % fi Frar 2026. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni tal-HICP fir-Rumanija fl-2024 u fl-2025 kienu ogħla minn dawk taż-żona tal-euro kollha kemm hi.

It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li r-rata tal-inflazzjoni annwali medja se tiżdied kemxejn għal 7,0 % fl-2026 u mbagħad tonqos għal 3,7 % fl-2027. Id-diżinflazzjoni matul il-perjodu ta' tbassir hija mistennija li tkun appoġġata minn moderazzjoni qawwija fit-tkabbir tal-pagi filwaqt li żieda fil-prezzijiet tal-enerġija se tnaqqasha. Il-livell relattivament baxx tal-prezzijiet fir-Rumanija, li kien madwar 61 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2024, huwa indikazzjoni ta' potenzjal għal konverġenza fil-livell tal-prezzijiet fit-tul.

*Graff 5a:* **Ir-Rumanija - Kriterju tal-inflazzjoni**




*Nota*: It-tikek fit-tarf tal-lemin taċ-ċart juru l-valur referenzjarju projettat u r-rata medja tal-inflazzjoni fuq 12-il xahar tar-Rumanija f'Diċembru 2026 u 2027. Il-valuri referenzjarji għall-2020, l-2022, l-2024 u l-2025 jirreferu għall-valuri referenzjarji kkalkulati fir-rapporti dwar il-konverġenza preċedenti.
Sors: Eurostat, It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

**Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi**. Ir-Rumanija hija s-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Id-defiċit tal-gvern estiż tjieb minn 9,3 % tal-PGD fl-2024 għal 7,9 % tal-PGD fl-2025, iżda baqa' ferm ogħla mill-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PGD skont it-Trattat. Dan it-titjib kien dovut għal ġbir aktar b'saħħtu tat-taxxa u żewġ pakketti ewlenin ta' konsolidazzjoni fiskali fl-2025, b'rendiment ikkombinat stmat li jżid id-dħul u jnaqqas in-nefqa ta' madwar 3,7 punti perċentwali tal-PDG. It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż jonqos għal 6,2 % tal-PDG fl-2026, li jirrifletti l-effett ta' sena sħiħa tal-pakketti ta' aġġustament fiskali tal-2025 kif ukoll id-dħul addizzjonali fl-2026, permezz ta' VAT u dazji tas-sisa ogħla, taxxa ogħla fuq id-dividendi, bidliet fit-taxxa fuq il-proprjetà, u t-twessigħ tal-bażi tal-kontribuzzjoni tas-saħħa, flimkien ma' kontrolli aktar stretti fuq in-nefqa kurrenti. Fl-2027, il-proporzjon tad-defiċit tal-gvern estiż huwa mbassar għal 5,8 %.

Fl-20 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill adotta deċiżjoni skont l-Artikolu 126(8) tat-TFUE li tistabbilixxi li r-Rumanija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha. Fit-8 ta' Lulju 2025, il-Kunsill imbagħad irreveda l-perkors ta' aġġustament fiskali tal-PDE tar-Rumanija, li skontu r-Rumanija trid iżżomm it-tkabbir nominali fin-nefqa netta taħt 2,8 % fl-2025, 2,6 % fl-2026, 4,6 % fl-2027, 4,4 % fl-2028, 4,2 % fl-2029 u 4,0 % fl-2030. Dawn ir-rati massimi ta' tkabbir fin-nefqa netta huma ekwivalenti għal aġġustament annwali ta' madwar żewġ punti perċentwali fis-sena fl-2025 u l-2026 u madwar punt perċentwali wieħed minn hemm 'il quddiem, ogħla mill-aġġustament strutturali annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju meħtieġ skont il-PDE. L-iskadenza tal-korrezzjoni tal-PDE hija l-2030, f'liema punt ir-rakkomandazzjoni riveduta ta' Lulju 2025 skont l-Artikolu 126(7) TFUE tipprevedi defiċit ta' 2,8 % tal-PDG. Ir-Rakkomandazzjoni riveduta ta' Lulju 2025 issostitwiet il-perkors tan-nefqa netta oriġinali tal-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tar-Rumanija bħala l-parametru referenzjarju operattiv għall-monitoraġġ tal-PDE, filwaqt li r-riformi u l-investimenti li jsostnu l-perjodu ta' aġġustament estiż tal-pjan jibqgħu fis-seħħ u jkomplu jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni. Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Rumanija kienet ħadet azzjoni effettiva b'rispons għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill u għalhekk il-proċedura ta' defiċit eċċessiv ġiet sospiża. In-nefqa netta fl-2026 hija pprojettata li tiżdied b'1,8 %, li hija taħt il-limitu massimu rrakkomandat mill-Kunsill ta' 2,6 % għall-2026, u t-tkabbir kumulattiv fin-nefqa netta sal-2026 huwa pprojettat li jibqa' fil-limitu massimu kumulattiv rakkomandat ta' 5,5 %.

Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG żdied minn 54,8 % fl-2024 għal 59,3 % fl-2025 u huwa mistenni li jiżdied ulterjorment għal 61,6 % fl-2026 u għal 63,4 % fl-2027, xprunat minn defiċit primarju għoli u pagament tal-imgħax li qed jiżdiedu. Ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn għar-Rumanija jidhru għoljin fit-terminu medju, bid-dejn tal-gvern ipprojettat li jiżdied malajr għal madwar 90 % tal-PDG fl-2036. Fir-rigward tal-qafas fiskali tar-Rumanija, għad hemm dgħufijiet serji fir-rigward tar-reklutaġġ għall-Kunsill Fiskali u l-ġestjoni tal-investimenti pubbliċi.

*Graff 5b:* **Ir-Rumanija - Bilanċ tal-baġit u dejn tal-gvern estiż**

(bħala perċentwal tal-PDG)




(*) It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

Sors: Eurostat, It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

**Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju**. Il-leu Rumen ma jipparteċipax fil-Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju II. Ir-Rumanija topera arranġament tar-rata tal-kambju hekk imsejjaħ "crawl-like", bil-possibbiltà ta' interventi fis-suq tal-kambju mill-bank ċentrali. L-istabbiltà tar-rata tal-kambju ntużat mill-BNR bħala mekkaniżmu importanti biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja u jiġu ankrati l-aspettattivi tal-inflazzjoni. Il-leu kien relattivament stabbli fil-konfront tal-euro fl-2024 u ddeprezza fl-2025. F'Mejju 2025, il-pressjonijiet tal-ħruġ ta' kapital fil-kuntest ta' inċertezza politika akbar wasslu għal episodju qawwi ta' deprezzament, b'telf fil-konfront tal-euro ta' 2 % meta mqabbel max-xahar ta' qabel. Dan kien segwit minn perjodu ta' volatilità moderata fit-tieni nofs tas-sena. F'Mejju tal-2026, il-leu kien madwar 5 % aktar dgħajjef fil-konfront tal-euro milli kien sentejn qabel. Il-firxa tar-rata tal-imgħax fuq terminu qasir fir-rigward taż-żona tal-euro żdiedet b'mod sostanzjali (b'madwar 300 punt bażi) bejn Awwissu 2024 u Ġunju 2025, li tirrifletti l-pawża fir-rata ta' politika ewlenija tal-BNR min-nofs tal-2024 u ċ-ċiklu ta' llaxkar tal-politika monetarja fiż-żona

tal-euro. Il-firxa kompliet titwessa' fost l-istress fuq is-suq monetarju tar-Rumanija lejn l-aħħar tar-rebbiegħa, u laħqet il-quċċata ta' madwar 515-il punt bażi f'Ġunju 2025. Din imbagħad naqset b'mod kostanti matul it-tieni nofs tal-2025 u fil-bidu tal-2026, li jirrifletti kundizzjonijiet ta' likwidità mtejba fis-suq monetarju tar-Rumanija. Il-firxa laħqet 362 punt bażi f'Mejju 2026.

**Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar il-konverġenza tar-rati tal-imgħax fit-tul**. Ir-rata medja tal-imgħax fit-12-il xahar sa Mejju 2026 kienet 6,7 %, ferm ogħla mill-valur referenzjarju ta' 5,1 %. Ir-rata tal-imgħax fit-tul tar-Rumanija żdiedet gradwalment matul l-2024, u telgħet għal 7,1 % f'Jannar 2025. Wara li naqset kemxejn matul l-ewwel ftit xhur tal-2025, reġgħet bdiet tiżdied f'April, xprunata minn averżjoni akbar għar-riskju tas-suq fost defiċit fiskali li qed jikber u t-tħassib tal-investituri dwar il-prospettiva għall-konsolidazzjoni fiskali. Ir-rata tal-imgħax fit-tul imbagħad naqset b'mod stabbli matul it-tieni nofs tal-2025, wara l-adozzjoni mill-gvern ta' miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali. Matul l-ewwel 5 xhur tal-2026, ir-rata tal-imgħax fit-tul tar-Rumanija kienet ġeneralment stabbli, b'rata ta' 6,2 % f'Mejju 2026. Il-firxa fit-tul meta mqabbla mal-bond ta' referenza Ġermaniż kienet 312-il punt bażi f'Mejju 2026, tnaqqis minn 485 punt bażi f'Ġunju 2025.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inklużi l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti, l-integrazzjoni tas-swieq u l-ambjent istituzzjonali. Il-bilanċ estern tar-Rumanija (jiġifieri l-kont kurrenti u kapitali kkombinat) tjieb kemxejn minn -6,7 % tal-PDG fl-2024 għal -6,0 % fl-2025, prinċipalment minħabba żieda fis-surplus tal-kont kapitali bis-saħħa ta' assorbiment aħjar tal-fondi tal-UE. Id-defiċit fil-kont kurrenti tar-Rumanija baqa' konsiderevoli, fil-livell ta' 7,9 % tal-PDG fl-2025, minkejja tnaqqis marġinali fit-tieni nofs tas-sena fost konsolidazzjoni fiskali u domanda domestika aktar dgħajfa. L-ekonomija Rumena hija integrata tajjeb fiż-żona tal-euro permezz tar-rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Indikaturi magħżula relatati mal-ambjent istituzzjonali juru li r-Rumanija għandha prestazzjoni agħar minn dik ta' ħafna Stati Membri taż-żona tal-euro f'dan ir-rigward. Ir-Rumanija qed tiffaċċja sfidi f'oqsma bħall-kontroll tal-korruzzjoni. Is-settur finanzjarju fir-Rumanija huwa iżgħar u anqas żviluppat milli fiż-żona tal-euro. Is-settur bankarju tar-Rumanija huwa integrat tajjeb fis-settur finanzjarju taż-żona tal-euro, b'mod partikolari permezz ta' livell għoli ta' sjieda barranija fis-sistema bankarja tagħha. Madankollu, il-finanzjament ibbażat fuq is-suq huwa anqas żviluppat milli fiż-żona tal-euro, kif rifless fis-swieq żgħar ħafna għall-ekwità u d-dejn tas-settur privat. Fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-Rapport tagħha dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija għall-2026 li kien hemm bżonn ta' Rieżami fil-Fond (IDR) għar-Rumanija. L-IDR ikkonkluda li r-Rumanija għadha qed tiffaċċja vulnerabbiltajiet relatati ma' defiċits fiskali u esterni kbar, minkejja titjib mit-tieni nofs tal-2025. Fl-istess ħin, il-pressjonijiet fuq il-pagi u l-kostijiet immoderaw, b'impatt pożittiv potenzjali fuq il-kompetittività tal-kostijiet. Id-defiċit għoli tal-gvern tar-Rumanija kien xprunatur ewlieni tad-defiċits esterni kbar u l-ħtiġijiet ta' self. Il-proċess ta' konsolidazzjoni fiskali mibdi fl-2025 jgħin biex jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet tar-Rumanija u huwa mistenni li jkompli. Filwaqt li tqis din il-valutazzjoni fl-IDR, il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew 2026, tqis li r-Rumanija qed tkompli tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi.

Il-pjan ta' rkupru u reżiljenza (RRP) tar-Rumanija jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati sensiela ta' sfidi strutturali, f'sinerġija ma' fondi oħra tal-UE, inklużi fondi tal-politika ta' koeżjoni, biex tingħata spinta lill-kompetittività tagħha u jiġi stimulat it-tkabbir sostenibbli u jitnaqqsu d-disparitajiet territorjali u soċjali tal-pajjiż. Wara r-reviżjoni tal-2025 tal-RRP tagħha, il-pakkett tal-RRF tar-Rumanija jammonta għal madwar EUR 21,4 biljun għall-2021–2026, inklużi EUR 13,5 biljun f'għotjiet u EUR 7,8 biljun f'self. Il-pjan rivedut naqqas b'mod sostanzjali l-komponent tas-self minn EUR 14,9 biljun għal EUR 7,8 biljun, minħabba dewmien fl-implimentazzjoni u t-tnaqqis tal-miżuri meqjusa li ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament. Ir-Rumanija kienet ippreżentat erba' talbiet għall-pagament sa tmiem l-2025. Sa Ġunju 2026, l-iżborżi totali ammontaw għal madwar 60 % tal-pakkett totali. Ir-riformi ewlenin fl-RRP tar-Rumanija jikkonċernaw il-pensjonijiet, id-dekarbonizzazzjoni/l-eliminazzjoni gradwali tal-produzzjoni tal-enerġija mill-faħam u mil-linjite, l-intrapriżi tal-Istat, l-amministrazzjoni tat-taxxa u r-riforma tat-taxxa, u s-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, il-politika ta' koeżjoni tipprovdi lir-Rumanija EUR 33,7 biljun għall-perjodu 2021–2027. Il-finanzjament tal-

politika ta' koeżjoni għandu l-għan li jappoġġa aktar il-kompetittività u l-konverġenza soċjali 'l fuq tar-Rumanija, inkluż permezz ta' investiment fir-riċerka, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-SMEs, it-tranżizzjoni ekoloġika u ġusta, il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, l-iżvilupp ta' ħiliet u kwalità u inklużività mtejba tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll it-tnaqqis tal-faqar. Filwaqt li r-Rumanija għamlet progress fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, għad hemm l-isfidi, b'disparitajiet territorjali sinifikanti fl-investiment u l-impjiegi bejn ir-reġjun kapitali u r-reġjuni l-oħra, kif ukoll bejn iż-żoni urbani u mhux urbani.

## 6. L-IŻVEZJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà legali u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li tqiesu l-fatturi rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Iżvezja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet biex tadotta l-euro.**

**Il-leġiżlazzjoni fl-Iżvezja** – partikolarment l-Att dwar ir-Riksbank, **mhijiex kompatibbli għalkollox** mar-rekwiżiti tal-Artikolu 131 tat-TFUE. Għadhom jippersistu inkompatibbiltajiet u imperfezzjonijiet fl-oqsma tal-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-banek ċentrali fl-Eurosistema fir-rigward tal-objettivi tar-Riksbank u tal-kompiti tal-SEBĊ/BĊE stabbiliti fl-Artikolu 127(1) u (2) tat-TFUE u l-Artikoli 2 u 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE.

**L-Iżvezja tissodisfa l-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.** Ir-rata ta' inflazzjoni tal-HICP medja fl-Iżvezja matul it-12-il xahar sa Mejju 2026 kienet 2,2 %, taħt il-valur referenzjarju ta' 2,7 %. Hija pprojettata li tonqos sa tmiem l-2026 qabel ma tiżdied kemxejn fl-2027, iżda għandha tibqa' taħt il-valur referenzjarju fis-sentejn li huma.

*Graff 6a:* **L-Iżvezja - Kriterju tal-inflazzjoni**
(perċentwali, medja mobbli fuq 12-il xahar)




*Nota*: It-tikek fit-tarf tal-lemin taċ-ċart juru l-valur referenzjarju projettat u r-rata medja tal-inflazzjoni fuq 12-il xahar tal-Iżvezja f'Diċembru 2026 u f'Diċembru 2027. Il-valuri referenzjarji għall-2020, l-2022, l-2024 u l-2025 jirreferu għall-valuri referenzjarji kkalkulati fir-rapporti dwar il-konverġenza preċedenti.

Sors: Eurostat, It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

Ir-rata annwali tal-inflazzjoni tal-HICP tal-Iżvezja kellha medja ta' 2,0 % fl-2024, u żdiedet għal 2,6 % fl-2025. Dawn ir-rati tal-inflazzjoni kienu ġeneralment konformi ma' dawk għaż-żona tal-euro. Prezzijiet tal-enerġija aktar baxxi, effetti bażi u tkabbir moderat fil-pagi xprunat minn ftehimiet pluriennali moderati dwar il-pagi kkontribwew għad-diżinflazzjoni fis-sentejn li huma. Id-deċellerazzjoni qawwija tal-prezzijiet tal-ikel fl-2024 u l-illaxkar qawwi taż-żidiet fil-prezzijiet fil-prodotti industrijali mhux tal-enerġija fis-sentejn li huma kkontribwew ukoll għal inflazzjoni globali aktar baxxa, filwaqt li l-inflazzjoni tas-servizzi baqgħet għolja iżda naqset minn 4,9 % fl-2024 għal 3,8 % fl-2025. Fl-2025, prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija kemxejn aktar b'saħħithom irrappreżentaw l-irkupru fl-inflazzjoni globali. L-impatt tardiv mir-rata tal-kambju effettiva aktar b'saħħitha tal-krona fl-2024 għen biex itaffi ż-żidiet fil-prezzijiet għall-oġġetti u s-servizzi importati. L-inflazzjoni tal-HICP naqset fl-ewwel ftit xhur tal-2026, peress

li l-effetti tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani kienu megħluba minn April bi tnaqqis sostanzjali fit-taxxi indiretti fuq l-ikel u l-fjuwils, flimkien ma' inflazzjoni sottostanti dgħajfa.

It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa tal-2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li r-rata ta' inflazzjoni medja annwali se tonqos għal madwar 1,5 % fl-2026 qabel ma tiżdied kemxejn għal 1,8 % fl-2027. L-iżviluppi fl-inflazzjoni fl-2026 jirriflettu l-impatt ta' prezzijiet ogħla tal-importazzjoni, b'mod partikolari għall-prodotti taż-żejt, parzjalment ikkumpensati minn tnaqqis fil-VAT u s-sisa, żidiet moderati fil-pagi, u l-impatt tardiv mill-krona aktar b'saħħitha, b'fatturi speċjali mistennija li jonqsu fl-2027. Il-livell tal-prezzijiet fl-Iżvezja huwa relattivament għoli, b'madwar 110 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2024.

**L-Iżvezja tissodisfa l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi**. L-Iżvezja ma hijiex is-suġġett ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Id-defiċit tal-gvern estiż tjieb kemxejn minn 1,5 % tal-PDG fl-2024 għal 1,3 % tal-PDG fl-2025, li jirrifletti tkabbir ekonomiku kajman. Skont it-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jilħaq 2,8 % tal-PDG fl-2026 minħabba dħul totali li qed jiddgħajjef. Fl-2027, il-proporzjon tad-defiċit tal-gvern estiż huwa mbassar għal 2,5 %.

Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Iżvezja. Il-pjan ikopri l-perjodu 2025–2028 u jistabbilixxi limitu massimu għat-tkabbir fin-nefqa netta matul l-4 snin, b'rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta ta' 4,0 % fl-2025, 4,4 % fl-2026, 4,4 % fl-2027, u 4,6 % fl-2028. Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-nefqa netta hija pprojettata li tikber b'6,5 % fl-2026, ogħla mir-rata ta' tkabbir rakkomandata ta' 4,4 %. Id-devjazzjoni ogħla mill-massimu rakkomandat hija ekwivalenti għal devjazzjoni annwali ta' 1,0 % tal-PDG. Madankollu, meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiva pprojettata tan-nefqa netta hija taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. In-nefqa netta fl-2026 hija pprojettata li tiżdied b'6.5 %, li hija ogħla mil-limitu massimu rrakkomandat mill-Kunsill ta' 4,4 % għall-2026, u t-tkabbir kumulattiv fin-nefqa netta sal-2026 huwa pprojettat li jibqa' fil-limitu massimu kumulattiv rakkomandat ta' 15,5 %.

Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG żdied minn 34,1 % fl-2024 għal 35,1 % fl-2025 u huwa mistenni li jiżdied ulterjorment għal 36,5 % tal-PDG fl-2026 u mbagħad għal 37,7 % tal-PDG fl-2027, xprunat minn defiċit primarju ogħla. Ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn għall-Iżvezja jidhru baxxi fit-terminu medju, avolja d-dejn tal-gvern huwa pprojettat li jiżdied għal madwar 44 % tal-PDG fl-2036. L-Iżvezja għandha qafas fiskali robust b'regoli ċari u fokus fuq terminu medju, li jżomm l-ankra tad-dejn għal 35 % tal-PDG.

*Graff 6b:* **L-Iżvezja - Bilanċ tal-baġit u dejn tal-gvern estiż**

*Skala invertita* (bħala perċentwal tal-PDG)




(*) It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

Sors: Eurostat, It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni.

**L-Iżvezja ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju**. Il-krona Żvediża ma tipparteċipax fil-Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju II. L-Iżvezja topera reġim ta' rata tal-kambju flessibbli, bil-

possibbiltà ta' interventi fis-suq tal-kambju mill-bank ċentrali. Wara li l-krona esperjenzat perjodu twil ta' deprezzament fil-konfront tal-euro, li ddgħajfet minn SEK 8,3/EUR f'Awwissu 2012 għal SEK 11,8/EUR f'Settembru 2023, hija rkuprat xi ftit fl-2024 u fl-2025, u laħqet SEK 10.6/EUR fi Frar 2026, qabel ma reġgħet iddgħajfet kemxejn. Il-firxa STIBOR-EURIBOR ta' 3 xhur kienet volatili matul l-aħħar ftit snin. Wara żieda qasira iżda qawwija fl-2022, din sussegwentement naqset, u saret negattiva fit-tieni nofs tal-2024. Minn dak iż-żmien 'l hawn, din varjat bejn -20 u 20 punt bażi, jiġifieri ferm inqas mis-snin ta' qabel l-2022 (madwar 50 punt bażi). F'Mejju 2026, il-firxa kienet ta' madwar −21 punt bażi u r-rata tal-kambju kienet SEK 10,9/EUR, jiġifieri 7 % aktar b'saħħitha fil-konfront tal-euro meta mqabbla ma' sentejn qabel.

**L-Iżvezja tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza tar-rati tal-imgħax fit-tul**. Ir-rata medja tal-imgħax fit-tul fl-Iżvezja fit-12-il xahar sa Mejju 2026 kienet ta' 2,6 %, konsiderevolment taħt il-valur referenzjarju ta' 5,1 %. Wara li żdiedu b'mod konsiderevoli fl-2022 u fl-2023, ir-rati tal-imgħax fit-tul tal-Iżvezja naqsu fl-2024 qabel ma reġgħu lura għal-livelli tal-2023 fl-2025. Sa mill-bidu tal-2024, ir-rata tal-imgħax fit-tul kienet qed tvarja bejn 2,2 % u 2,8 %. Il-firxa meta mqabbla mal-bond ta' referenza Ġermaniż baqgħet relattivament żgħira b'xi volatilità fl-2024 u fl-2025. B'mod ġenerali, il-firxa naqset f'dawn l-aħħar snin u saret kemxejn negattiva fl-2024, u laħqet -34 punt bażi f'Lulju 2024. Imbagħad żdiedet kemxejn sa Jannar 2026, qabel ma naqset gradwalment għal -31 punt bażi f'Mejju 2026.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inklużi l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti, l-integrazzjoni tas-swieq u l-ambjent istituzzjonali. Il-bilanċ estern tal-Iżvezja (jiġifieri, il-kont kurrenti u kapitali kkombinat) baqa' f'surplus, f'7,0 % tal-PDG fl-2024 u 6,2 % fl-2025. L-ekonomija tal-Iżvezja hija integrata tajjeb fiż-żona tal-euro permezz tar-rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Indikaturi magħżula relatati mal-ambjent istituzzjonali juru li l-Iżvezja għandha prestazzjoni aħjar minn dik tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri taż-żona tal-euro f'dan ir-rigward. Is-settur finanzjarju fl-Iżvezja huwa żviluppat ħafna u integrat tajjeb fis-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro. Il-qasam bankarju jiddomina s-settur finanzjarju, għalkemm il-fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni jammontaw għal parti mdaqqsa tiegħu. Barra minn hekk, l-Iżvezja għandha wieħed mill-aktar swieq ta' kreditu u ta' ekwità żviluppati fl-UE u l-livell ta' finanzjament tas-suq huwa fost l-ogħla fl-UE. Fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-Rapport tagħha dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija għall-2026 li kien hemm bżonn ta' Rieżami fil-Fond għall-Iżvezja. L-IDR ikkonkluda li l-Iżvezja qed tiffaċċja vulnerabbiltajiet relatati mas-suq tal-proprjetà immobbli tagħha u dejn privat għoli. Filwaqt li l-prezzijiet tad-djar immoderaw xi ftit mil-livelli tagħhom tal-2022 u l-2023, l-ingranaġġ tal-unitajiet domestiċi għadu għoli u huwa mistenni li jkompli jiżdied. Filwaqt li s-settur finanzjarju huwa espost ħafna għall-proprjetà immobbli, huwa profittabbli b'bafers kapitali mdaqqsa kontra żviluppi negattivi. Għad hemm riġiditajiet fil-provvista tal-akkomodazzjoni, kien hemm riforma limitata fis-suq tal-kiri, li wasslet għal listi twal ta' stennija u rata baxxa tax-xogħol vakanti meta mqabbla ma' pajjiżi oħra tal-UE. Filwaqt li tqis din il-valutazzjoni fl-IDR, il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew 2026, tqis li l-Iżvezja ma għadhiex tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi.

Il-pjan ta' rkupru u reżiljenza (RRP) tal-Iżvezja jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati sensiela ta' sfidi strutturali, f'sinerġija ma' fondi oħra tal-UE, inklużi fondi tal-politika ta' koeżjoni, maħsuba biex inaqqsu d-disparitajiet territorjali u soċjali tal-pajjiż. Il-finanzjament tal-RRF jipprovdi lill-Iżvezja EUR 3,4 biljun matul il-perjodu 2021–2026. L-Iżvezja ppreżentat it-tieni talba għall-pagament tagħha f'Jannar 2026. L-investimenti u r-riformi ewlenin fl-RRP tal-Iżvezja jinkludu dawk fl-oqsma tal-finanzjament ta' teknoloġiji u infrastruttura li jiffrankaw l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-iżolament tal-akkomodazzjoni, it-taħriġ għall-kura tal-anzjani u l-introduzzjoni tal-broadband f'żoni skarsament popolati. L-ewwel rimborż tal-RRF sar f'Lulju 2025, bil-pagamenti li jifdal taħt valutazzjoni għall-2026. Barra minn hekk, il-politika ta' koeżjoni tipprovdi lill-Iżvezja b'EUR 2,4 biljun għall-perjodu 2021–2027. Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għandu l-għan b'mod partikolari li jkompli jtejjeb il-kundizzjonijiet għar-riċerka u l-innovazzjoni, joħloq opportunitajiet għall-intraprenditorija u t-trasformazzjoni industrijali, u jappoġġa d-diġitalizzazzjoni, l-internazzjonalizzazzjoni u l-kompetittività. Filwaqt

li l-Iżvezja għamlet progress fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, għad hemm l-isfidi b'disparitajiet persistenti bejn ir-reġjun tal-kapital u l-bqija tal-pajjiż.